KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tletin (30)*

***It-Tlieta, 13 ta' April, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**30.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

30.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 li nżammet nhar it-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2021.

30.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.3 **Mozzjoni 30-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 29.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 29 ġew approvati unanimament.

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 30 (08) – April 2021***

30.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30(08) biċ-ċekkijiet numru 7164 sa 7166 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9904 sa 9936 li jammontaw €77,643.15

30.3.2 **Mozzjoni 30-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30(08) bl-ammont ta' €77,643.15

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30(08) ġiet approvata unanimament.

**30.4 Korrispondenza**

30.4.1 Għandna Korrispondenza mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-toroq dwar it-talba tagħna fejn infurmawna li ntlaqgħet it-talba sabiex tissemma' Triq Maestro Felix

Atanasio. Iżda infurmawna li r-residenti ta' Sqaq Numru 2, għadhom kemm bidlu l-*ID cards* u talbuna nerġgħu nikkunsidraw din it-talba. Wara diskussjoni, il-Vici Sindku Christine Dalli kif ukoll il-Kunsillier Andreas Gatt qalu li din it-talba għandha tiġi temporanjament sospiża minħabba l-inkonvenjent. Is-Sindku qal li din fl-aħħar mill-aħħar xorta trid tinbidel u għaldaqstant tressaq vot sabiex l-isem jinbidel xorta u nibgħatu ittra lir-residenti li dan l-isem se jinbidel xorta.

Favur: 3 (DA, RA, KF)

Kontra: 2 (CD, AG)

Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jerġa' jressaq it-talba sabiex jinbidel l-isem u jsir Triq Antonio Abdilla.

30.4.3 Tressqet korrsipondenza mingħand il-President Mario Fava rigward il-kwistjoni tal-arblu ta' Valletta Road li ġiet diskussa f'diversi laqgħat preċedenti. Il-President wieġeb li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill għandu jkompli jressaq dan il-każ quddiem it-Tribunal għal talbiet żgħar minflok il-Qorti. F'dan l-istadju, il-Kunsill jaħseb illi dan il-każ qed jieħu fit-tul ħafna u jekk se jipproċedi se jkompli jitwal. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nkellmu l-insurance tagħna biex naraw x'jista' jsir fir-rigward. Jekk l-insurance tagħna ma tistax tintervjeni, allura l-Kunsill għandu jibdel l-arblu u jitlob l-ispejjez lill-insurance tal-individwu skond kif kien miftiehem.

30.4.3 Tressqet korrispondenza dwar talba għall-estensjoni tal-bankina fi Triq Santu Rokku. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li l-bankina se tkun ta' ostaklu u għaldaqstant il-Kunsill ma jaqbilx li ssir. Rigward il-U-bars fl-istess triq, il-Kunsill ma japprovax li jsiru minħabba li l-bankina mhix wisa bizzejjed.

30.4.4 Tressqet korrispondenza dwar estensjoni tal-iskema tal-Community Workers. Is-Sindku qal li għandha ssir talba għal ħaddiem wieħed taħt din l-iskema.

30.4.5 Tressqet korrsipondenza dwar il-Progett Campsite ta' Triq l-Andar wara li ġiet mitfugħa l-applikazzjoni tal-Kunsill il-PA. Din l-applikazzjoni qajmet ħafna mistoqsijiet mill-pubbliku dwar x'se jsir. Is-Sindku Darren Abela taha spjegazzjoni ċara ta' dak li hemm fl-applikazzjoni. Huwa spjega li f'dan is-sit il-Kunsill qed jipproponi li jittella' ħajt madwar iż-żona sabiex ma jibqgħux jidħlu karozzi, se tinbena latrina b'forma ta' ġirna, se jsiru kwiener biex ma jitqabbad ebda nar ħlief f'dawn il-kwiener, u ż-żona se tkun għan-nies biex jagħmlu picnics, filwaqt li 8% taż-żona fil-proġett se jkun għal *campings* li dawn se jkunu qed isiru bil-permessi mill-Kunsill. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li għandha tinħareġ Stqarrija li fiha l-Kunsill jikjarifika billi jagħti deskrizzjoni tal-proġett kif ukoll li l-Kunsill se jkun dispost li jagħmel laqgħat ma min jixtieq jikjarifika l-applikazzjoni. Il-Kunsillliera Rose Agius qalet li dan il-proġett se jkun qed joħloq periklu minħabba l-viċinanzi tal-kamra tan-Nar. Is-Sindku Darren Abela qal li Risk Assessment Report relatat mal-Kamra tan-Nar jista' jsir jekk il-PA tara li huwa bżonnjuż. Matul dan il-perjodu ta' konsultazzjoni jistgħu isiru kjarifiki relatati ma l-applikazzjoni u l-pjanti sottomessi mal-applikazzjoni u għaldaqstant il-Kunsill, f'dan il-perjodu jista' jiltaqa' mal-Għaqdiet biex jiddiskuti.

30.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li f'April jagħmel Laqgħa Pubblika. Hija fakkret li r-Rapport Amministrattiv diga' tressaq f'laqgħat

preċedenti u ġie approvat. Il-Kunsill qabel li f'din is-sitwazzjoni m'għandix issir Laqgħa Pubblika iżda ssir meta s-sitwazzjoni tkun aħjar.

**30.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

30.5.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar ir-rampa li ddiskutejna fl-aħħar laqgħa fil-Housing Estate. Wara li saret spezzjoni fuq il-post, is-Sindku Darren Abela ppropona li r-rampa ssir naha l-ohra minn dik propost fl-istampa. Dwar dan il-Kunsill qabel.

30.5.2 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq it-Terha qed jitilgħu ħafna trakkijiet fuq il-bankina u qed jikkawżaw ħafna ħsara. Għaldaqstant is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba lill-TM biex issir bollard. Dwar dan il-Kunsill qabel.

30.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir un/loading bay fis-service road Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li ssir waħda għall-ħwienet tal-viċinanzi.

30.5.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-istima sabiex isir tindif fejn il-post tan-nar ta' San Guzepp. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret talba lill-Cleansing sabiex isir it-tindif. Il-Kunsill qabel li nistennew ġimgħa u jekk ma jkollnix risposta mmexxu bl-istima.

30.5.5 Is-Sindku Darren Abela qal li suppost għandha ssir Laqgħa Pubblika f'April iżda fiċ-ċirkostanza, ppropona li din ma ssirx sakemm is-sitwazzjoni tiġi għall-aħjar. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

**30.6 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera**

30.6.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar il-kuntratt tal-knis fejn qalet li l-kuntrattur qed ikollu ħafna nuqqasijiet li mhux qed jiġu ndirizzati minkejja diversi rapporti u komunikazzjonijit. Il-bins għadhom mhux jiġu mbattla b'mod regolari, filwaqt li diversi toroq mhux qed isiru kif imniżżel fil-programm. Għaldaqstant, il-Vici Sindku Christine Dalli ppproponiet li tinħareġ *default notice* oħra li tammonta għal €300 u li għandha titnaqqas mix-xahar ta' Marzu. Il-Vici Sindku Christine Dalli ssuġeriet dwar il-possibilita' li l-kenniesa jkunu mpjegati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jara l-possibilita' u jekk hi viabli tiġi kkunsidrata.

30.6.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar il-ħajt fil-kantuniera ta' Triq Gistakor. Is-Sindku Darren Abela qal li se jinġieb il-ġebel biex jinbeda.

30.6.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn titnaddaf iż-żona tal-Bypass fejn il-ħanut tal-pastizzi.

30.6.4 Il-Kunsilliera Rose Agius ppproponiet li jinżebaħ l-injam tal-ground filwaqt li l-Kunsillier Keith Fenech qal li għandu jitranġa ukoll dak li hemm imkisser.

30.6.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li titwaħħal tabella tal-mutur fi Triq Ġarakol.

## 30.7 Mozzjonijiet

Annessi mal-Minuti

## 30.8 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 11 ta’ Mejju 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 30**

**Mozzjoni Ref:** 30-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

---

**Data:** 13 ta' April 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 30**

**Mozzjoni Ref: 30-02**

Biex jigi approvat l-iSkeda ta' Pagamenti – April 2021

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' April 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**